

# Tagħrif dwar iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija

**Salvu Sciberras**



Iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija jinsab fin-nofs ta' Triq in-Naxxar u jintuża bħala roundabout. Huwa mdawwar b'żewġ ħitan u għandu żewġ rixtelli tal-ħadid: wieħed quddiem u ieħor fuq wara. Ġewwa ċ-ċimiterju u anki madwaru nsibu siġar kbar taċ-ċipress antiki. Matul il-lejl ikun mixgħul bid-dawl matul is-sena kollha. Hemm tlett fanali fuq il-faċċata, ieħor fil-kappella u sitt reflectors biex jagħtu dawl fuq il-passaġġi kollha ta' ġewwa. Iċ-ċimiterju ġie mdawwal fi żmien il-kappillan Dun Alfred Xuereb.

*ikompli f'pagna 85*

*ikompli minn pagna 83*

Iċ-ċimiterju ilu jintuża għad-dfin mill-1813, fi żmien il-marda tal-pesta f'Malta. Fl-1927, fi żmien il-kappillan Dun Anton Buhagiar, inqata' għal kollox id-dfin fil-knisja parrokkjali u beda jsir f'dan iċ-ċimiterju. Jinsabu midfunin fih nies prominenti ħafna bħal Prim Ministru Sir Ugo Mifsud, li miet fl-1942, il-Ministru Francesco Bonaci, li miet fl-1958 u l-Kavallier Vincenzo Bugeja li miet fl-1963.

Fl-1935, fiċ-ċimiterju, nbniet kappella zgħira u sabiħa. Dan kien fi żmien il-Kappillan Dun Karm Lia. F'din il-kappella nsibu salib u duluri mpittrin fuq l-injam u fuq kull naħa hemm żewġ niċeċ b'żewġ statwi. Fuq naħa nsibu l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu u fuq in-naħa l-oħra l-istatwa ta' Santa Margerita Martri. Fil-kappella hemm ukoll żewġ oqbra, mgħottijin b'lapidi antiki u sbieħ ħafna li qabel kienu fil-Knisja Parrokkjali. Dawn l-oqbra huma maħsubin għad-dfin tas-saċerdoti imma li s'issa għadhom vojta. Fuq il-bieb tal-Kappella hemm statwa kbira tal-Qalb ta' Ġesù u sitt angli tal-ġebel. Minn quddiem il-kappella hija mdawwra b'għaxar kolonni kbar.

Bħala oqbra hemm mija u tlettax il-qabar privat, sitta u ħamsin komun, tlett oqbra tat-trabi, qabar tas-saċerdoti u Kappillani (b'monument kbir), u ieħor għall-benefatturi taċ-ċimiterju. Hemm ukoll, tlett oqbra tal-fratellanza tas-Sagrament, tnejn tal-Madonna tar-Ruzarju, tnejn tal-Madonna taċ-Ċintura u tnejn ta' San Alwiġi. L-oqbra zdiedu fi żmien il-kappillani Dun Karm Lia u Dun Benedict Fsadni.

Fiċ-ċimiterju hemm biċċa art li tintuża bħala kennierja. Fiha jingħabru l-fdalijiet kollha li jkun hemm fl-oqbra komuni. Fuq il-kennierja nsibu salib antik li kien fil-Kappella l-qadima u li jġib l-annu 1896. F'nofs iċ-ċimiterju hemm żewġt erwieħ tal-ġebel li wkoll kienu fil-Kappella l-qadima.

Fl-1996, fi żmien il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana, fiċ-ċimiterju sar restawr kbir. Dan sar grazzi għall-benefattur is-Sur Carmelo Cassar li kien minn Ħal Lija u li miet fit-18 ta' April, 2000. Sar restawr tal-kolonni li jdawwru l-kappella, tal-bibien tal-kmamar u tal-kappella, tal-ħitan ta' barra u nbidlu il-passaġġi kollha. Saru wkoll żewġ statwi tal-ġebel fil-kappella (tkellimt dwarhom aktar qabel) u statwa oħra tal-Madonna tal-Erwieħ. Din ta' l-aħħar tinsab ġo niċċa fuq in-naħa ta' wara taċ-ċimiterju. Ukoll, xi ħaġa ġdida li saret is-sena l-oħra hija l-lapida tal-irħam fuq il-qabar tas-saċerdoti mejtin.

Matul is-sena, fiċ-ċimiterju jsiru tlett quddisiet: f'Jum l-Omm, f'Jum il-Missier u f'Novembru meta jsir it-tberik taċ-ċimiterju. Dawn bdew isiru mill-Kappillan prezenti Dun David Gauci.

It-tindif u l-manutenzjoni taċ-ċimiterju matul is-sena, speċjalment fix-xhar ta' Novembru, nieħu ħsiebhom jien flimkien mas-Sur Salvu Fenech.

**Agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem Mulej,**
**id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom**
**jistrieħu fil-paċi**
**Amen.**


# Rojolin Bakery & Rojolin Good Food

**Three Churches Street, Balzan**

**Mob: 9926 2893**